

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

**► B** **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/1333**  
**tal-31 ta' Lulju 2015**  
**dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK**  
 (ĠU L 206, 1.8.2015, p. 34)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/478 tal-31 ta' Marzu 2016	L 85	48	1.4.2016
► <b><u>M2</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/694 tal-4 ta' Mejju 2016	L 120	12	5.5.2016
► <b><u>M3</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/816 tat-23 ta' Mejju 2016	L 133	11	24.5.2016
► <b><u>M4</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1340 tal-4 ta' Awwissu 2016	L 212	113	5.8.2016
► <b><u>M5</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1694 tal-20 ta' Settembru 2016	L 255	33	21.9.2016
► <b><u>M6</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1755 tat-30 ta' Settembru 2016	L 268	85	1.10.2016
► <b><u>M7</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/497 tal-21 ta' Marzu 2017	L 76	25	22.3.2017
► <b><u>M8</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/621 tal-31 ta' Marzu 2017	L 89	10	1.4.2017
► <b><u>M9</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1338 tas-17 ta' Lulju 2017	L 185	49	18.7.2017
► <b><u>M10</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1427 tal-4 ta' Awwissu 2017	L 204	99	5.8.2017
► <b><u>M11</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1429 tal-4 ta' Awwissu 2017	L 204	110	5.8.2017
► <b><u>M12</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1458 tal-10 ta' Awwissu 2017	L 208	36	11.8.2017
► <b><u>M13</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1776 tat-28 ta' Settembru 2017	L 251	28	29.9.2017
► <b><u>M14</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1976 tat-30 ta' Ottubru 2017	L 281	32	31.10.2017
► <b><u>M15</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2008 tat-8 ta' Novembru 2017	L 290	22	9.11.2017
► <b><u>M16</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2265 tas-7 ta' Diċembru 2017	L 324	53	8.12.2017
► <b><u>M17</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/132 tal-25 ta' Jannar 2018	L 22	34	26.1.2018
► <b><u>M18</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/167 tat-2 ta' Frar 2018	L 31	84	3.2.2018
► <b><u>M19</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/203 tad-9 ta' Frar 2018	L 38	23	10.2.2018
► <b><u>M20</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/476 tal-21 ta' Marzu 2018	L 79	30	22.3.2018
► <b><u>M21</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/713 tal-14 ta' Mejju 2018	L 119	39	15.5.2018

► <b><u>M22</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/872 tal-14 ta' Ġunju 2018	L 152	22	15.6.2018
► <b><u>M23</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1086 tat-30 ta' Lulju 2018	L 194	150	31.7.2018
► <b><u>M24</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1250 tat-18 ta' Settembru 2018	L 235	21	19.9.2018
► <b><u>M25</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1290 tal-24 ta' Settembru 2018	L 240	63	25.9.2018
► <b><u>M26</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1465 tat-28 ta' Settembru 2018	L 245	16	1.10.2018
► <b><u>M27</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1868 tat-28 ta' Novembru 2018	L 304	32	29.11.2018
► <b><u>M28</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/2012 tas-17 ta' Diċembru 2018	L 322	51	18.12.2018
► <b><u>M29</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/539 tal-1 ta' April 2019	L 93	15	2.4.2019
► <b><u>M30</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1299 tal-31 ta' Lulju 2019	L 204	44	2.8.2019
► <b><u>M31</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1663 tal-1 ta' Ottubru 2019	L 252	36	2.10.2019
► <b><u>M32</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/374 tal-5 ta' Marzu 2020	L 71	14	6.3.2020
► <b><u>M33</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/458 tas-27 ta' Marzu 2020	L 97	13	30.3.2020
► <b><u>M34</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1137 tat-30 ta' Lulju 2020	L 247	40	31.7.2020
► <b><u>M35</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1310 tal-21 ta' Settembru 2020	L 305I	5	21.9.2020
► <b><u>M36</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1385 tal-1 ta' Ottubru 2020	L 320	9	2.10.2020
► <b><u>M37</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1483 tal-14 ta' Ottubru 2020	L 341	16	15.10.2020
► <b><u>M38</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/672 tat-23 ta' April 2021	L 141	21	26.4.2021
► <b><u>M39</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1014 tal-21 ta' Ġunju 2021	L 222	38	22.6.2021
► <b><u>M40</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1251 tad-29 ta' Lulju 2021	L 272	71	30.7.2021
► <b><u>M41</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1910 tal-4 ta' Novembru 2021	L 389I	3	4.11.2021
► <b><u>M42</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1942 tad-9 ta' Novembru 2021	L 396	64	10.11.2021
► <b><u>M43</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2198 tat-13 ta' Diċembru 2021	L 445I	21	13.12.2021
► <b><u>M44</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/189 tal-10 ta' Frar 2022	L 30	115	11.2.2022
► <b><u>M45</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1315 tas-26 ta' Lulju 2022	L 198	19	27.7.2022
► <b><u>M46</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1509 tad-9 ta' Settembru 2022	L 235	35	12.9.2022
► <b><u>M47</u></b>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2543 tal-21 ta' Diċembru 2022	L 328	107	22.12.2022
► <b><u>M48</u></b>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/726 tal-31 ta' Marzu 2023	L 94	48	3.4.2023
► <b><u>M49</u></b>	Deċiżjoni Nru 1/2023 tal-Kumitat Konġunt stabbilit permezz tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra tal-4 ta' Lulju 2023	L 176	26	11.7.2023

Kkoreġuta minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 98, 14.4.2016, p. 6 (2016/478)
- **C2** Emendi, Ġ.U. L 243, 10.9.2016, p. 16 (2016/478)
- **C3** Emendi, Ġ.U. L 268, 26.10.2018, p. 92 (2018/1290)

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2015/1333****tal-31 ta' Lulju 2015****dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK****KAPITOLU I****RESTRIZZJONIJIET FUQ L-ESPORTAZZJONI U L-IMPORTAZZJONI***Artikolu 1*

1. Il-provvista, il-bejgħ jew it-trasferiment b'mod dirett jew indirett ta' armi u materjal relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon, vetturi u tagħmir militari, tagħmir paramilitari u partijiet ta' rikambju għal dawn imsemmija qabel, kif ukoll tagħmir li jista' jintuża għar-repressjoni interna, lil-Libja minn ċittadini ta' Stati Membri jew li ssir minn jew tgħaddi mit-territorji tal-Istati Membri jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru li tajru l-bandiera tagħhom, għandhom jiġu pprojbiti kemm jekk joriġinaw fit-territorji tagħhom u kemm jekk le.

2. Għandu jkun ipprojbit:

- (a) il-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza teknika, taħriġ jew assistenza oħra, inkluż il-forniment ta' persunal merċenarju armat, relatat ma' attivitajiet militari jew mal-forniment, il-manteniment u l-użu ta' oġġetti msemmija fil-paragrafu 1, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu fil-Libja;
- (b) il-forniment, dirett jew indirett, ta' assistenza finanzjarja relatata ma' attivitajiet militari jew mal-forniment, il-manteniment u l-użu ta' oġġetti msemmija fil-paragrafu 1, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għall-użu fil-Libja;
- (c) il-parteċipazzjoni, kuxjentement u intenzjonalment, f'attivitajiet li l-oġġettiv jew l-effett tagħhom hu li jevitaw il-projbizzjonijiet imsemmijin fil-punti (a) jew (b).

*Artikolu 2*

1. L-Artikolu 1 m'għandux japplika għal:

- (a) il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' tagħmir militari mhux letali maħsub biss għall-użu umanitarju jew protettiv, kif ukoll l-għoti ta' assistenza teknika jew taħriġ relatati.
- (b) il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' lbies protettiv, inklużi ġkieket rinfurzati u elmi militari, esportati temporanjament lejn il-Libja minn persunal tan-NU, persunal tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha, rappreżentanti tal-mezzi tal-informazzjoni u ħaddiema umanitarji u dawk fil-qasam tal-iżvilupp u persunal assoċjat għall-użu personali tagħhom biss.
- (c) il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' tagħmir militari mhux letali maħsub biss għall-assistenza ta' sigurtà jew ta' diżarm lill-Gvern Libjan, kif ukoll il-forniment ta' assistenza teknika, taħriġ jew assistenza finanzjarja relatata.

**▼B**

2. L-Artikolu 1 m'għandux japplika għal:

- (a) il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' armi u materjal relatat, kif ukoll il-forniment ta' assistenza teknika, taħriġ jew assistenza finanzjarja relatata, inkluż il-forniment tal-persunal;
- (b) il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' armi u ta' materjal relatat, maħsub biss għall-assistenza ta' sigurtà jew ta' diżarm lill-Gvern Libjan, kif ukoll il-forniment ta' assistenza teknika, taħriġ jew assistenza finanzjarja relatati

kif approvat minn qabel mill-Kumitat stabbilit skont il-paragrafu 24 tal-UNSCR 1970 (2011) ("il-Kumitat").

3. L-Artikolu 1 ma għandux japplika għall-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' armi ħfief, armi ta' kalibru żgħir u materjal relatat, esportati temporanjament lejn il-Libja għall-użu esklussiv tal-persunal tan- NU, rappreżentanti tal-midja u ħaddiema umanitarji u ta' għajjnuna għall-iżvilupp u persunal assoċjat, notifikati lill-Kumitat bil-quddiem u fin-nuqqas ta' deċiżjoni negattiva mill-Kumitat fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol minn tali notifika.

4. L-Artikolu 1 m'għandux japplika għal: il-forniment, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' tagħmir li jista' jintuża għal repressjoni interna, maħsub biss għall-użu umanitarju jew protettiv, kif ukoll l-għoti ta' assistenza teknika, taħriġ jew assistenza finanzjarja relatata.

### *Artikolu 3*

L-akkwist minn ċittadini tal-Istati Membri, jew bl-użu ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru li jtajru l-bandiera tagħhom, tal-oġġetti msemmija fl-Artikolu 1(1) mil-Libja għandu jiġi pprojbit, kemm jekk joriġina kif ukoll jekk ma joriġinax fit-territorju tal-Libja.

## KAPITOLU II

### SETTUR TAT-TRASPORT

### *Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom jispezzjonaw fit-territorju tagħhom, inkluż il-portijiet marittimi u l-ajruporti tagħhom, f'konformità mal-awtoritajiet u l-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom u b'mod konsistenti mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt marittimu u ftehimiet internazzjonali rilevanti dwar l-avjazzjoni ċivili, il-bastimenti u l-inġenji tal-ajru li jkunu diretti lejn il-Libja jew li jkunu geġjin minn hemm, jekk ikollhom informazzjoni li ttiprovdi raġunijiet ġustifikati biex wieħed jemma li l-merkanzija ta' tali bastimenti u inġenji tal-ajru tinkludi oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti skont l-Artikolu 1.

2. L-Istati Membri għandhom, malli jiskopru, jissekwestraw u jiddisponu minn (bħal billi jinqerdu, isiru inoperabbli, jinħażnu jew jiġu ttrasferiti għal disponiment lejn Stat għajr dawk l-Istati ta' orijini jew destinazzjoni ) oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tagħhom huma projbiti skont l-Artikolu 1.

3. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw, f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, mal-ispezzjonijiet u d-disponimenti li jsiru skont il-paragrafi 1 u 2.

**▼ B**

4. L-inġenji tal-ajru u l-bastimenti li jittrasportaw merkanzija lejn u mil-Libja għandhom ikunu soġġetti għar-reqwizit ta' informazzjoni addizzjonali ta' qabel il-wasla jew it-tluq tal-merkanzija kollha li tiddaħħal fi Stat Membru jew toħroġ minnu.

*Artikolu 5*

L-Istati Membri għandhom jiċħdu l-permess lil kwalunkwe inġenju tal-ajru li jitlaq minn, jinżel fi jew itir fuq it-territorju tagħhom, jekk ikollhom informazzjoni li tipprovdi raġunijiet ġustifikati biex wieħed jemmen li l-inġenju tal-ajru fih oġġetti li l-forniment, il-bejgħ, it-trasferiment, jew l-esportazzjoni tagħhom huma pprojbiti skont din id-Deċiżjoni, inkluż il-provvediment ta' persunal merċenarju armat, għajr fil-każ ta' nżul ta' emerġenza.

**▼ M49***Artikolu 5a*

1. F'konformità mar-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li jikkonċernaw il-Libja, b'mod partikolari UNSCR 1970(2011) u UNSCR 2292(2016), għandu jkun ipprojbit li bastimenti li jtajjru l-bandiera ta' pajjiż terz, destinati lejn il-Libja jew ġejjin minnha, iġorru armi u materjal relatat, inkluż oġġetti u teknoloġija li huma koperti mil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni, lejn jew mil-Libja, direttament jew indirettament, fl-ibħra miftuħa 'l barra mill-kosta tal-Libja, bi ksur tal-embargo fuq l-armi stabbilit minn ENSCR 1970 (2011).

2. Stat Membru li jassisti lill-EUNAVFOR MED IRINI f'konformità mal-Artikolu 2(5) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/472 <sup>(1)</sup> għandu jieħu l-miżuri neċessarji biex f'isem l-EUNAVFOR MED IRINI jiddisponi minn armi jew materjal relatat, inkluż oġġetti u teknoloġija koperti mil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni, issekwestrati mill-EUNAVFOR MED IRINI fl-ibħra miftuħa skont l-Artikolu 2(3) ta' dik id-Deċiżjoni.

3. Id-disponiment imsemmi fil-paragrafu 2 jista' jsir, b'mod partikolari, permezz tal-qerda ta' dawk l-oġġetti, billi jsiru inoperabbli jew billi jkun permess l-użu tagħhom, inkluż minn parti terza, filwaqt li jiġi evitat it-trasferiment sussegwenti tagħhom lejn il-Libja jew lejn kwalunkwe pajjiż terz ieħor li lejha huwa pprojbit it-trasferiment ta' armi jew materjal relatat.

**▼ B***Artikolu 6***▼ M28**

1. L-Istati Membri jistgħu, f'konformità mal-paragrafi 5 sa 9 tal-UNSCR 2146 (2014), mal-paragrafu 2 ta' UNSCR 2362 (2017) u mal-paragrafu 2 ta' UNSCR 2441 (2018), jispezzjonaw il-bastimenti ddeżinjati fl-ibħra miftuħa, bl-użu tal-miżuri kollha li jikkorrispondu għaċ-ċirkostanzi speċifiċi, f'konformità sħiħa mad-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, skont kif applikabbli, jagħmlu tali spezzjonijiet u jordnaw il-bastiment biex jieħu azzjonijiet adatti sabiex, bil-kunsens tal-Gvern tal-Libja u f'koordinazzjoni miegħu, jirritorna l-petroleum, inkluż żejt mhux maħdum u prodotti tal-petroleum raffinat, lil-Libja.

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/472 tal-31 ta' Marzu 2020 dwar operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea fil-Mediterran (EUNAVFOR MED IRINI) (ĠU L 101, 1.4.2020, p. 4).

**▼ B**

2. Qabel ma jagħmlu spezzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri l-ewwel għandhom jipprovaw jiksbu l-kunsens tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment.

3. L-Istati Membri li qed jagħmlu spezzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jippreżentaw minnufih rapport dwar l-ispezzjoni lill-Kumitat li jinkludi dettalji rilevanti, inklużi sforzi li saru biex jinkiseb il-kunsens tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment.

4. L-Istati Membri li jagħmlu spezzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom jiżguraw li tali spezzjonijiet isiru b'bastimenti tal-gwerra u b'bastimenti li huma tal-Istat jew operati minnu u użati biss fuq servizz tal-gvern mhux kummerċjali.

5. Il-paragrafu 1 m'għandux jaffettwa d-drittijiet jew l-obbligi jew ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri skont id-dritt internazzjonali, inklużi drittijiet jew obbligi taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar, inkluż il-prinċipju ġenerali tal-ġurisdizzjoni esklussiva ta' Stat tal-bandiera fuq il-bastimenti tiegħu fl-ibħra miftuħa, fir-rigward ta' bastimenti mhux indikati u fi kwalunkwe sitwazzjoni oħra li mhix dik imsemmija f'dak il-paragrafu.

6. L-Anness V għal din id-Deċiżjoni jinkludi l-bastimenti msemmija fil-paragrafu 1 indikati mill-Kumitat f'konformità mal-paragrafu 11 tal-UNSCR 2146 (2014).

*Artikolu 7***▼ M10**

1. Stat Membru li huwa l-Istat tal-bandiera ta' bastiment indikat għandu, f'każ li l-indikazzjoni mill-Kumitat tkun speċifikat dan, jidderieġi l-bastiment biex ma jhottx, ma jittrasportax, u ma jarmix żejt mhux maħdum, inkluż żejt mhux raffinat u prodotti petrolifiċi irfinati, esportati b'mod illeċitu mil-Libja abbord il-bastiment, fin-nuqqas ta' direzzjoni mill-punt fokali tal-Gvern tal-Libja, kif imsemmi fil-paragrafu 3 tal-UNSCR 2146 (2014).

**▼ B**

2. L-Istati Membri għandhom, f'każ li l-indikazzjoni mill-Kumitat tkun speċifikat dan, jiċħdu d-dħul fil-portijiet tagħhom ta' bastimenti sakemm tali dħul ikun meħtieġ għal skopijiet ta' spezzjoni, jew fil-każ ta' emerġenza jew fil-każ ta' ritorn lejn il-Libja.

3. Il-forniment minn ċittadini ta' Stati Membri jew mit-territorji ta' servizzi ta' bunkering tal-Istati Membri, bħall-forniment ta' karburant jew provvisti, jew manutenzjoni oħra ta' bastimenti, għal bastimenti indikati għandu, f'każ li l-indikazzjoni mill-Kumitat tkun speċifikat dan, ikun ipprobit.

4. Il-paragrafu 3 m'għandux japplika fejn l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru rilevanti tiddetermina li l-forniment ta' tali servizzi huwa meħtieġ għal skopijiet umanitarji, jew li l-bastiment imur lura lejn il-Libja. L-Istat Membru konċernat għandu jinnotifika lill-Kumitat b'kwalunkwe awtorizzazzjoni bħal din.

**▼ M10**

5. Transazzjonijiet finanzjarji miċ-ċittadini tal-Istati Membri jew l-entitajiet taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom jew mit-territorji tal-Istati Membri fir-rigward taż-żejt mhux maħdum, inkluż żejt mhux raffinat u prodotti petrolifiċi irfinati, esportati b'mod illeċitu mil-Libja abbord bastimenti indikati, għandhom, f'każ li l-indikazzjoni mill-Kumitat tkun speċifikat dan, ikunu pprojbiti.

**▼ B**

6. L-Anness V jinkludi l-bastimenti msemmija fil-paragrafi 1, 2, 3 u 5 ta' dan l-Artikolu indikati mill-Kumitat f'konformità mal-paragrafu 11 tal-UNSCR 2146 (2014).

## KAPITOLU III

## RESTRIZZJONIJIET FUQ L-AMMISSJONI

*Artikolu 8***▼ M28**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-tranżitu minnhom, ta' persuni ddeżinjati u soġġetti għal restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat f'konformità mal-paragrafu 22 ta' UNSCR 1970 (2011), il-paragrafu 23 ta' UNSCR 1973 (2011), il-paragrafu 4 ta' UNSCR 2174 (2014), il-paragrafu 11 ta' UNSCR 2213 (2015), il-paragrafu 11 ta' UNSCR 2362 (2017) u l-paragrafu 11 tal-UNSCR 2441 (2018), kif elenkat fl-Anness I.

**▼ B**

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-transitu minnhom, ta' persuni:

- (a) involuti jew kompliċi fl-ordni, fil-kontroll jew fid-direzzjoni b'mod ieħor, tat-twertiq ta' abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem kontra persuni fil-Libja, inkluż bl-involviment jew il-kompliċità fil-pjanifikazzjoni, il-kmand, l-ordni jew it-twertiq ta' attackki, bi ksur tad-dritt internazzjonali, inkluż il-bumbardament mill-ajru, fuq popolazzjonijiet jew faċilitajiet ċivili, jew persuni li jaġixxu għalihom jew f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom;
- (b) identifikati bħala li kienu involuti fil-politiki repressivi tar-reġim preċedenti ta' Muammar Qadhafi fil-Libja, jew inkella preċedentement assoċjati ma' dan ir-reġim, u li huma ta' riskju kontinwu għall-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Libja, jew għat-twertiq b'suċċess tat-transizzjoni politika tagħha;

**▼ M39**

(c) involuti f'atti, jew li jappoġġaw atti, li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Libja, jew li jostakolaw jew jimminaw it-twertiq b'suċċess tat-tranżizzjoni politika tagħha, fost l-oħrajn permezz ta':

- (i) il-pjanifikazzjoni, id-direzzjoni jew it-twertiq ta' atti li jiksru d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem jew id-dritt umanitarju internazzjonali applikabbli, jew atti li jikkostitwixxu abbużi kontra d-drittijiet tal-bniedem, fil-Libja;

**▼M39**

- (ii) attacchi kontra kwalunkwe port tal-ajru, tal-art jew tal-baħar fil-Libja, jew kontra istituzzjoni jew installazzjoni statali Libjana, jew kontra kwalunkwe missjoni barranija fil-Libja;
- (iii) l-għoti ta' appoġġ għal gruppi armati jew networks kriminali permezz tal-isfruttament illeċitu ta' żejt mhux maħdum jew kwalunkwe riżorsa naturali oħra fil-Libja;
- (iv) it-theddid jew it-tiġġil tal-istituzzjonijiet finanzjarji Statali Libjani u l-Libyan National Oil Company, jew l-involvement fi kwalunkwe azzjoni li tista' twassal jew tirriżulta fil-miżapproprjazzjoni tal-fondi Statali Libjani;
- (v) il-ksur, jew l-assistenza fl-evalazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-embargo fuq l-armi fil-Libja stabbiliti fl-UNSCR 1970 (2011) u l-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni;
- (vi) l-ostakolar jew l-imminar tal-elezzjonijiet ippjanati fil-Pjan Direzzjonali tal-Forum ta' Djalogu Politiku Libjan;
- (vii) it-teħid ta' azzjonijiet għal jew f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' persuni jew entitajiet elenkati;

**▼B**

- (d) li huma s-sidien ta' jew jikkontrollaw fondi Statali Libjani miżapproprjati matul ir-reġim preċedenti ta' Muammar Qadhafi fil-Libja li jistgħu jintużaw biex jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Libja, jew jostakolaw jew jikkompromettu t-twettiq b'suċċess tat-transizzjoni politika tagħha;

kif elenkat fl-Anness II għal din id-Deċiżjoni.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jobbligaw lil Stat Membru li jirrifjuta d-dħul taċ-ċittadini tiegħu stess fit-territorju tiegħu.

4. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta l-Kumitat jiddetermina li:

- (a) l-ivvjaġġar ikun ġustifikat għal raġunijiet ta' ħtieġa umanitarja, inkluż l-obbligu reliġjuż; jew
- (b) eżenzjoni tkun tiffaċilita l-oġġettivi ta' paċi u rikonċiljazzjoni nazzjonali fil-Libja u stabbiltà fir-reġjun;

5. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika fejn:

- (a) id-dħul jew it-transitu huwa meħtieġ biex jitwettaq proċess ġudizzjarju; jew
- (b) Stat Membru jiddetermina fuq bażi ta' każ b'każ li tali dħul jew transitu huwa meħtieġ biex jiffaċilita l-paċi u l-istabbiltà fil-Libja u l-Istat Membru jinnotifika sussegwentement lill-Kumitat fi żmien 48 siegħa wara li tkun saret tali determinazzjoni.

**▼ B**

6. Il-paragrafu 2 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-każijiet fejn Stat Membru jkun marbut minn obbligu skont id-dritt internazzjonali, jiġifieri:

- (a) bħala pajjiż ospitanti għal organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;
- (b) bħala pajjiż ospitanti għal konferenza internazzjonali msejħa min-NU, jew taħt l-awspiċju tagħha;
- (c) taħt xi ftehim multilaterali li jikkonferixxi privileġġi u immunitajiet; jew
- (d) taħt it-Trattat ta' Konċiljazzjoni tal-1929 (il-Patt tal-Lateran) konkluż mis-Santa Sede (l-Istat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

7. Il-paragrafu 6 għandu jiġi kkunsidrat bħala li japplika anke f'każijiet fejn Stat Membru jkun pajjiż ospitanti għall-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

8. Il-Kunsill għandu jkun debitament informat fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skont il-paragrafu 6 jew 7.

9. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti taħt il-paragrafu 2 fejn l-ivvjaġġar ikun ġustifikat għal raġunijiet ta' hteġa umanitarja urġenti, jew għal raġunijiet ta' attendenza fl-aqgħat intergovernattivi, inklużi dawk promossi jew ospitati mill-Unjoni, jew ospitati minn Stat Membru li jkollu l-Presidenza kurrenti tal-OSKE, fejn isir djalogu politiku li jippromwovi direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt fil-Libja.

10. Stat Membru li jixtieq jagħti l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 9 għandu jinnotifika lill-Kunsill bil-miktub. L-eżenzjoni għandha titqies li ngħatat bil-kondizzjoni li ma ssir l-ebda oġġezzjoni bil-miktub minn wieħed, jew iżjed, mill-Membri tal-Kunsill, fi żmien jumejn ta' ħidma minn meta tiġi rċevuta n-notifika tal-eżenzjoni proposta. Fil-każ li wieħed jew iżjed mill-membri tal-Kunsill jagħmlu oġġezzjoni, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

11. Fejn, skont il-paragrafi 6, 7, u 9, Stat Membru jawtorizza d-dħul fit-territorju tiegħu, jew it-transitu minnu, ta' persuni elenkati fl-Anness I jew II, l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-fini li għalih tingħata u għall-persuni kkonċernati minnha.

## KAPITOLU IV

## IFFRIŻAR TA' FONDI U RIŻORSI EKONOMIĊI

## Artikolu 9

**▼ M28**

1. Għandhom jiġu ffriżati l-fondi, assi finanzjarji oħra u r-riżorsi ekonomiċi kollha, li huma l-proprjetà ta' jew ikkontrollati minn, direttament jew indirettament, persuni u entitajiet iddeżinjati u soġġetti għal iffriżar tal-assi mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat f'konformità mal-paragrafu 22 ta' UNSCR 1970 (2011), il-paragrafi 19 u 23 ta' UNSCR 1973 (2011), il-paragrafu 4 ta' UNSCR 2174 (2014), il-paragrafu 11 ta' UNSCR 2213 (2015), il-paragrafu 11 ta' UNSCR 2362 (2017) u l-paragrafu 11 ta' UNSCR 2441 (2018), kif elenkat fl-Anness III.

**▼ B**

2. Il-fondi, assi finanzjarji oħra u r-riżorsi ekonomiċi kollha, li huma l-proprietà ta' jew ikkontrollati, direttament jew indirettament, minn persuni u entitajiet:

- (a) li huma involuti jew kompliċi fl-ordni, il-kontroll, jew id-direzzjoni b'mod ieħor, tat-twertiq ta' abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem fil-Libja, inkluż bl-involviment jew kompliċità fil-pjanifikazzjoni, il-kmand, l-ordni jew it-twertiq ta' attacchi, bi ksur tad-dritt internazzjonali, inkluż il-bumbardamenti mill-ajru, fuq popolazzjonijiet u faċilitajiet ċivili, jew mill-awtoritajiet Libjani, jew minn persuni u entitajiet li kisru jew assistew il-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-UNSCR 1970 (2011) jew ta' din id-Deċiżjoni, jew minn persuni jew entitajiet li jaġixxu għalihom jew f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, jew minn entitajiet li huma l-proprietà tagħhom jew ikkontrollati minnhom jew minn persuni u entitajiet elenkati fl-Anness III, kif elenkat fl-Anness III għal din id-Deċiżjoni;
- (b) identifikati bħala li kienu involuti fil-politiki repressivi tar-reġim preċedenti ta' Muammar Qadhafi fil-Libja, jew inkella preċedentement assoċjati ma' dan ir-reġim, u li huma ta' riskju kontinwu għall-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Libja, jew għat-twertiq b'suċċess tat-transizzjoni politika tagħha;

**▼ M39**

- (c) involuti f'atti jew li jappoġġaw atti li jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Libja, jew li jostakolaw jew jimminaw it-twertiq b'suċċess tat-transizzjoni politika tagħha, fost l-oħrajn permezz ta':
  - (i) il-pjanifikazzjoni, id-direzzjoni jew it-twertiq ta' atti li jiksru d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem jew id-dritt umanitarju internazzjonali applikabbli, jew atti li jikkostitwixxu abbużi kontra d-drittijiet tal-bniedem, fil-Libja;
  - (ii) attacchi kontra kwalunkwe port tal-ajru, tal-art jew tal-baħar fil-Libja, jew kontra istituzzjoni jew installazzjoni statali Libjana, jew kontra kwalunkwe missjoni barranija fil-Libja;
  - (iii) l-għoti ta' appoġġ għal gruppi armati jew networks kriminali permezz tal-isfruttament illeċitu ta' żejt mhux maħdum jew kwalunkwe riżorsa naturali oħra fil-Libja;
  - (iv) it-theddid jew it-tiġġhil tal-istituzzjonijiet finanzjarji Statali Libjani u l-Libyan National Oil Company, jew l-involviment fi kwalunkwe azzjoni li tista' twassal jew tirriżulta fil-miżapproprjazzjoni tal-fondi Statali Libjani;
  - (v) il-ksur, jew l-assistenza fl-evażjoni tad-dispożizzjonijiet tal-embargo fuq l-armi fil-Libja stabbiliti fl-UNSCR 1970 (2011) u l-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni;
  - (vi) l-ostakolar jew l-imminar tal-elezzjonijiet ippjanati fil-pjan direzzjonali tal-Forum ta' Djalogu Politiku Libjan;
  - (vii) it-teħid ta' azzjonijiet għal jew f'isem jew taħt id-direzzjoni ta' persuni jew entitajiet elenkati;

**▼ B**

- (d) li huma s-sidien ta' jew jikkontrollaw fondi Statali Libjani miżapproprjati matul ir-reġim preċedenti ta' Muammar Qadhafi fil-Libja li jistgħu jintużaw biex jheddu l-paċi, l-istabbiltà jew is-sigurtà tal-Libja, jew biex jostakolaw jew jikkompromettu t-twertiq b'suċċess tat-transizzjoni politika tagħha,

**▼B**

kif elenkat fl-Anness IV, għandhom jiġu ffriżati.

3. Il-fondi, assi finanzjarji oħra u r-riżorsi ekonomiċi li huma proprjetà ta' jew ikkontrollati minn, direttament jew indirettament, l-entitajiet elenkati fl-Anness VI li ilhom iffriżati mis-16 ta' Settembru 2011, għandhom jibqgħu ffriżati.

4. L-ebda fond, ass finanzjarju ieħor jew riżorsa ekonomiku ma għandha tkun disponibbli, direttament jew indirettament, għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew entitajiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, jew għall-benefiċċju tagħhom.

5. Il-projbizzjoni li jitqiegħdu fondi, assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi għad-dispożizzjoni tal-persuni jew l-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 2, sa fejn hi applika għall-awtoritajiet tal-port, ma għandhiex timpedixxi l-eżekuzzjoni, sal-15 ta' Lulju 2011, ta' kuntratti konklużi qabel is-7 ta' Ġunju 2011, ħliet għal kuntratti relatati maż-żejt, gass u prodotti raffinati.

6. Jistgħu jsiru eżenzjonijiet għal fondi, assi finanzjarji u riżorsi ekonomiċi li huma:

- (a) meħtieġa għal spejjeż bażiċi, inkluż ħlas għal oġġetti tal-ikel, kera jew ipoteka, mediċini u kura medika, taxxi, poloz ta' assigurazzjoni, u tariffi ta' servizzi ta' utilità pubblika;
- (b) maħsuba esklużivament għal ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimborż ta' spejjeż li jkunu konnessi mal-għoti ta' servizzi legali f'konformità mal-liġijiet nazzjonali; jew
- (c) maħsuba esklużivament għal ħlas ta' tariffi jew imposta għal servizz, f'konformità mal-liġijiet nazzjonali, għaż-żamma jew manutenzjoni ta' fondi ffriżati, assistenza finanzjarja oħra u riżorsi ekonomiċi;

wara n-notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kumitat, fejn adatt, dwar l-intenzjoni li jawtorizza l-aċċess għal tali fondi, assi jew riżorsi ekonomiċi oħra u fin-nuqqas ta' deċiżjoni negattiva mill-Kumitat fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol minn tali notifika.

7. Jistgħu wkoll isiru eżenzjonijiet għal fondi jew riżorsi ekonomiċi li jkunu:

- (a) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, wara notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kumitat, fejn xieraq, u approvazzjoni mill-Kumitat; jew
- (b) oġġett ta' garanzija jew deċiżjoni ġuridika, amministrattiva jew arbitrali, li f'dak il-każ il-fondi, l-assi finanzjarji l-oħra u r-riżorsi ekonomiċi jistgħu jintużaw biex jissodisfaw dik il-garanzija jew dik il-kundizzjoni dment li l-garanzija jew id-deċiżjoni kienet imdaħħla qabel id-data tal-adozzjoni tal-UNSCR 1970 (2011), u mhix għall-benefiċċju ta' persuna jew entità msemija fil-paragrafu 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu, wara notifika mill-Istat Membru kkonċernat lill-Kumitat, fejn adatt.

**▼M48**

8. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9(14), fir-rigward ta' persuni u entitajiet elenkati fl-Anness IV, jistgħu jsiru wkoll eżenzjonijiet għal fondi u riżorsi ekonomiċi li huma neċessarji għal finijiet umanitarji bħall-provvista jew l-iffaċilitar tal-provvista ta' assistenza, inkluż provvisti mediċi, ikel, ħaddiema umanitarji u assistenza relatata, jew l-evakwazzjoni ta' ċittadini barranin mil-Libja.

9. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9(14), fir-rigward tal-entitajiet li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 3, jistgħu jsiru wkoll eżenzjonijiet għall-fondi, l-assi finanzjarji u r-riżorsi ekonomiċi dment li:

- (a) l-Istat Membru kkonċernat ikun ippreżenta notifika lill-Kumitat dwar l-intenzjoni tiegħu li jawtorizza l-aċċess għal fondi, assi finanzjarji oħra jew riżorsi ekonomiċi, għal waħda mill-finijiet li ġejjin jew aktar u fl-assenza ta' deċiżjoni negattiva mill-Kumitat fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn tali notifika:
- (i) ħtiġijiet umanitarji;
  - (ii) karburant, elettriku u ilma għall-użu strettament taċ-ċittadini;
  - (iii) l-issoktar, mil-Libja, tal-produzzjoni u l-bejgħ ta' idrokarburi;
  - (iv) l-istabiliment, l-operat jew it-tiżiħ tal-istituzzjonijiet tal-gvern ċivili u tal-infrastruttura pubblika ċivili; jew,
  - (v) l-iffaċilitar tal-issoktar tal-operazzjonijiet tas-settur bankarju, inkluż l-appoġġ jew l-iffaċilitar tal-kummerċ internazzjonali mal-Libja;
- (b) l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Kumitat li dawk il-fondi, assi finanzjarji oħra jew riżorsi ekonomiċi ma għandhomx ikunu għad-dispożizzjoni jew għall-benefiċċju tal-persuni imsem-mija fil-paragrafi 1, 2 u 3;
- (c) l-Istat Membru kkonċernat ikun ikkonsulta minn qabel l-awtoritajiet Libjani dwar l-użu ta' tali fondi, assi finanzjarji oħra jew riżorsi ekonomiċi; u
- (d) l-Istat Membru kkonċernat ikun ikkondivida mal-awtoritajiet Libjani n-notifika ppreżentata skont dan il-paragrafu u l-awtoritajiet Libjani ma jkunux oġġezzjonaw fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol għar-rilaxx ta' tali fondi, assi finanzjarji oħra, jew riżorsi ekonomiċi.

**▼B**

10. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jipprevjenu lil persuna jew entità indikata milli tagħmel hłas dovut taħt kuntratt li tkun daħlet fih qabel l-elenkar ta' tali persuna jew entità, dment li l-Istat Membru rilevanti jkun iddetermina li l-hłas ma jkunx riċevut direttament jew indirettament minn persuna jew entità msemmija fil-paragrafu 1 jew 2 u wara notifika mill-Istat Membri rilevanti lill-Kumitat, fejn xieraq, dwar l-intenzjoni li jsiru jew jiġu riċevuti tali hłasijiet jew biex tiġi awtorizzata t-neħħija tal-iffriżar tal-fondi, l-assi finanzjarji l-oħra jew ir-riżorsi ekonomiċi għal dan il-fini, 10 ijiem ta' xogħol qabel tali awtorizzazzjoni.

**▼B**

11. Il-paragrafu 3 ma għandux jipprevjeni lil entità msemija hemm-hekk milli tagħmel ħlas dovut taħt kuntratt li tkun daħlet għalih qabel l-elenkar ta' tali entità taħt din id-Deċiżjoni, dment li l-Istat Membru rilevanti jkun iddetermina li l-ħlas ma jkunx riċevut direttament jew indirettament minn persuna jew entità msemija fil-paragrafi 1, 2 u 3, u wara notifika mill-Istat Membru rilevanti lill-Kumitat dwar l-intenzjoni li jsiru jew jiġu riċevuti tali hłasijiet jew biex tiġi awtorizzata t-tneħħija tal-iffriżar tal-fondi jew assi finanzjarji oħra jew riżorsi ekonomiċi għal dan il-fini, 10 ijiem ta' xogħol qabel tali awtorizzazzjoni.

12. Fir-rigward ta' persuni u entitajiet elenkati fl-Anness IV, u b'deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati dment li jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-fondi jew riżorsi ekonomiċi jkunu s- suġġett ta' deċiżjoni arbitrarja li ttieħdet qabel id-data li fiha l-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemija fil-paragrafu 2 ma kienu ġew elenkati fl-Anness IV jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva meħuda fl-Unjoni, jew deċiżjoni ġudizzjarja li tkun infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel jew wara dik id-data;
- (b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ser jintużaw esklużivament biex jiġu ssodisfati pretensjonijiet garantiti minn tali deċiżjoni jew rikonoxxuti bħala validi f'tali deċiżjoni, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom dawn il-pretensjonijiet;
- (c) id-deċiżjoni mhix għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness III jew IV; u
- (d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jmurx kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat.

Stat Membru għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija bis-saħħa ta' dan il-paragrafu.

13. Il-Paragrafu 4 ma għandux japplika għaż-żieda ma' kontijiet iffriżati ta':

- (a) imgħax jew qligħ ieħor dovut fuq dawk il-kontijiet;
- (b) hłasijiet dovuti skont kuntratti, ftehimiet jew obbligi li nħolqu qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għall-miżuri restrittivi; jew
- (c) hłasijiet dovuti taħt deċiżjonijiet ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrarji li jittieħdu fl-Unjoni jew li jkunu infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat, fir-rigward ta' persuni u entitajiet elenkati fl-Anness IV;

dment li tali imgħax, qligħ u hłasijiet oħrajn jibqgħu soġġetti għall-paragrafu 1 jew 2.

▼ **M48**

14. Il-paragrafi 1, 2 u 4 ma għandhomx japplikaw għall-forniment, l-ipproċessar jew il-pagament ta' fondi, assi finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi oħra jew għall-forniment ta' oġġetti u servizzi, li huma neċessarji biex jiġi żgurat it-twassil f'waqtu ta' assistenza umanitarja jew biex jiġu appoġġati attivitajiet oħra li jappoġġaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-bniedem fejn tali assistenza u attivitajiet oħra jitwettqu minn:

- (a) in-Nazzjonijiet Uniti, inkluż il-programmi, il-fondi u entitajiet u korpi oħra tagħha, kif ukoll l-aġenziji speċjalizzati u l-organizzazzjonijiet relatati tagħha;
- (b) organizzazzjonijiet internazzjonali;
- (c) organizzazzjonijiet umanitarji bi status ta' osservatur mal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u membri ta' dawk l-organizzazzjonijiet umanitarji;
- (d) organizzazzjonijiet mhux governattivi ffinanzjati bilateralment jew multilateralment li jipparteċipaw fil-Pjanijiet ta' Rispons Umanitarju tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Pjanijiet ta' Rispons għar-Refuġjati, appelli oħra tan-Nazzjonijiet Uniti jew raggruppamenti umanitarji kkoordinati mill-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji (OCHA);
- (e) l-impjegati, il-benefiċjarji, is-sussidjarji, jew is-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni tal-entitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) waqt li u sakemm ikunu qed jaġixxu f'dawk il-kapaċitajiet; jew minn
- (f) atturi oħra xierqa kif determinati mill-Kumitat fir-rigward tal-paragrafu 1, u l-paragrafu 4 sa fejn jirreferi għall-persuni u l-entitajiet koperti mill-paragrafu 1, u mill-Kunsill fir-rigward tal-paragrafu 2, u l-paragrafu 4 sa fejn jirreferi għall-persuni u l-entitajiet koperti mill-paragrafu 2.

▼ **B**

## KAPITOLU V

## MIŻURI RESTRITTIVI OĦRAJN

▼ **M9***Artikolu 10*

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li ċ-ċittadini tagħhom, il-persuni soġġetti għall-ġurisdizzjoni tagħhom u d-ditti inkorporati fit-territorji tagħhom jew soġġetti għall-ġurisdizzjoni tagħhom jeżerċitaw viġilanza meta jaġhmlu negozju ma' entitajiet inkorporati fil-Libja jew soġġetti għall-ġurisdizzjoni tal-Libja, u kwalunkwe individwu jew entità li jaġixxu f'isimhom jew taħt id-direzzjoni tagħhom, u entitajiet li huma l-proprjetà tagħhom jew huma kkontrollati minnhom, bil-għan li jiġi pprevenut negozju li jista' jikkontribwixxi għall-vjolenza u l-użu tal-forza kontra l-popolazzjoni ċivili.

2. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' ċerti bastimenti u muturi lil-Libja li jistgħu jintużaw fil-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin, minn ċittadini ta' Stati Membri jew mit-territorji ta' Stati Membri jew bl-użu tal-bastimenti jew inġenji tal-ajru li jtajru l-bandiera tagħhom, għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kemm jekk joriġinaw fit-territorju tiegħu kif ukoll jekk le.

**▼M9**

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri m'għandhom jagħtu l-ebda awtorizzazzjoni għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti msemmija fil-paragrafu 2 jekk ikollhom raġunijiet fondati biex jemmnu li l-oġġett jintuża fil-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin.

4. Il-paragrafu 2 ma għandux tapplika għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet tal-Istati Membri lill-gvern Libjan jew lill-aġenziji tiegħu.

L-Unjoni għandha tiegħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti b'dan l-Artikolu.

**▼B**

## KAPITOLU VI

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

*Artikolu 11*

L-ebda pretensjoni, inkluż għal kumpens jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni ta' tpaċija jew pretensjoni koperta minn garanzija, frabta ma' kwalunkwe kuntratt jew transazzjoni li t-twettiq tagħhom kien affettwat, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, minħabba miżuri deċiżi skont il-UNSCR 1970 (2011), inklużi miżuri tal-Unjoni jew kwalunkwe Stat Membru f'konformità ma', kif rikjest minn jew bi kwalunkwe konnessjoni mal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà jew miżuri koperti minn din id-Deċiżjoni, ma għandhom jingħataw lill-persuni jew l-entitajiet indikati elenkati fl-Anness I, II, III jew IV, jew lil kwalunkwe persuna jew entità fil-Libja, inkluż il-Gvern tal-Libja, jew kwalunkwe persuna jew entità li tressaq pretensjoni permezz ta' jew għall-benefiċċju ta' kwalunkwe tali persuna jew entità.

*Artikolu 12*

1. Il-Kunsill għandu jimplementa l-modifiki għall-Annessi I, III, V u VI abbażi tad-deċiżjonijiet meħudin mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat.

2. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Istati Membri jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarjiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jistabbilixxi l-listi fl-Annessi II u IV u jadotta modifiki għalihom.

*Artikolu 13*

1. Fejn il-Kunsill tas-Sigurtà jew il-Kumitat jelenka persuna jew entità, il-Kunsill għandu jinkludi tali persuna jew entità fl-Anness I jew III.

2. Fejn il-Kunsill jiddeċiedi li jissoġġetta persuna jew entità għall-miżuri msemmija fl-Artikoli 8(2) u 9(2), huwa għandu jemenda l-Annessi II u IV kif adatt.

3. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu lill-persuna jew l-entità msemmija fil-paragrafi 1 u 2, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' notifika, u jipprovdi lil tali persuna jew entità opportunità li tippreżenta osservazzjonijiet.

4. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew fejn tiġi ppreżentata evidenza sostanzjali ġdida, il-Kunsill għandu jerġa' jeżamina d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna jew entità kif meħtieġ.

**▼B***Artikolu 14*

Fejn il-Kumitat jindika bastiment kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 7(1), (2), (3) u (5), il-Kunsill għandu jinkludi tali bastiment fl-Anness V.

*Artikolu 15*

1. L-Annessi I, II, III, IV u VI għandhom jinkludu r-raġunijiet għall-elenkar tal-persuni u l-entitajiet elenkati kkonċernati, kif ipprovduti mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat fir-rigward tal-Annessi I, III u VI.

2. L-Annessi I, II, III, IV u VI għandhom jinkludu wkoll, fejn disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati, kif ipprovduta mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat fir-rigward tal-Annessi I, III u VI. Fir-rigward tal-persuni, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, inklużi l-psewdonimi, id-data u l-post ta' twelid, iċ-ċittadinanza, in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-entitajiet, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju. L-Annessi I, III u VI għandhom jinkludu wkoll id-data tad-diżinjazzjoni mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat.

*Artikolu 16*

Sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni, l-Unjoni għandha tħeġġeġ lil Stati terzi biex jadottaw miżuri restrittivi simili.

*Artikolu 17*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta, emendata jew imħassra kif adatt, b'mod partikolari fid-dawl tad-deċiżjonijiet rilevanti mill-Kunsill tas-Sigurtà.

2. Il-miżuri msemmija fl-Artikoli 8(2) u 9(2) għandhom jiġu riveduti f'intervalli regolari u minn tal-inqas kull 12-il xahar. Huma ma għandhomx jibqgħu japplikaw fir-rigward tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati jekk il-Kunsill jiddetermina, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 12(2), li l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħhom ma għadhomx sodisfatti.

**▼M40****▼B***Artikolu 18*

Id-Deċiżjoni 2011/137/PESK hija mħassra

*Artikolu 19*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.



## ANNEX I

## LISTA TA' PERSUNI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 8(1)

1. **Isem:** 1: ABDULQADER 2: MOHAMMED 3: AL-BAGHDADI 4: mhux disponibbli

**Titlu:** Dr **Deżinjazzjoni:** Kap tal-Uffiċċju ta' Kuntatt tal-Kumitati Rivoluzzjonarji  
**Data tat-Twelid:** 1 ta' Lulju 1950 **Post tat-Twelid:** mhux disponibbli **Pseudonimu affidabbli:** mhux disponibbli **Pseudonimu inqas affidabbli:** mhux disponibbli **Ċittadinanza:** mhux disponibbli **Nru tal-Passaport:** B010574 **Nru tal-identifikazzjoni nazżjonali:** mhux disponibbli **Indirizz:** Tuneżija (Status/post preżunt: il-ħabs fit-Tuneżija.) **Elenkat fi:** 26 ta' Frar 2011 (emendata fis-26 ta' Marzu 2015, 2 ta' April 2012) **Informazzjoni oħra:** Elenkat skont il-paragrafu 15 tar-Riżoluzzjoni 1970 (Projbizzjoni fuq Vjaġġar). Status/post preżunt: deċedut. Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU-INTERPOL: <https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5519275>

2. **Isem:** 1: ABDULQADER 2: YUSEF 3: DIBRI 4: mhux disponibbli

**Titlu:** mhux disponibbli **Deżinjazzjoni:** Kap tas-sigurtà personali ta' Muammar Qadhafi **Data tat-Twelid:** 1946 **Post tat-Twelid:** Houn, il-Libja **Pseudonimu affidabbli:** mhux disponibbli **Pseudonimu inqas affidabbli:** mhux disponibbli **Ċittadinanza:** mhux disponibbli **Nru tal-Passaport:** mhux disponibbli **Nru tal-identifikazzjoni nazżjonali:** mhux disponibbli **Indirizz:** mhux disponibbli **Elenkat fi:** 26 ta' Frar 2011 **Informazzjoni oħra:** Elenkat skont il-paragrafu 15 tar-riżoluzzjoni 1970 (Projbizzjoni fuq Vjaġġar). Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU-INTERPOL: <https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5525715>

3. **Isem:** 1: SAYYID 2: MOHAMMED 3: QADHAF AL-DAM 4: mhux disponibbli

**Titlu:** mhux disponibbli **Deżinjazzjoni:** mhux disponibbli **Data tat-Twelid:** 1948 **Post tat-Twelid:** a) Sirte, il-Libja b) l-Eġittu **Pseudonimu affidabbli:** Sayed M. Gaddef Eddam **Pseudonimu inqas affidabbli:** mhux disponibbli **Ċittadinanza:** mhux disponibbli **Nru tal-Passaport:** Passaport Libjan Nru 513519 **Nru ta' identifikazzjoni nazżjonali:** mhux disponibbli **Indirizz:** mhux disponibbli **Elenkat fi:** 26 ta' Frar 2011 (emendata fl-1 ta' April 2016) **Informazzjoni oħra:** Elenkat skont il-paragrafu 15 tar-riżoluzzjoni 1970 (Projbizzjoni fuq Vjaġġar). Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU-INTERPOL: <https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5525735>

4. **Isem:** 1: QUREN 2: SALIH 3: QUREN 4: AL QADHAFI

**Titlu:** mhux disponibbli **Deżinjazzjoni:** Ambaxxatur Libjan għaċ-Chad **Data tat-Twelid:** mhux disponibbli **Post tat-Twelid:** mhux disponibbli **Pseudonimu affidabbli:** Akryn Saleh Akryn **Pseudonimu inqas affidabbli:** mhux disponibbli **Ċittadinanza:** mhux disponibbli **Nru tal-Passaport:** mhux disponibbli **Nru tal-identifikazzjoni nazżjonali:** mhux disponibbli **Indirizz:** Eġittu **Elenkat fi:** 17 ta' Marzu 2011 (emendata fis-26 ta' Marzu 2015, 26 ta' Settembru 2014) **Informazzjoni oħra:** Elenkat skont il-paragrafu 15 tar-riżoluzzjoni 1970 (Projbizzjoni fuq Vjaġġar). Link għas-sit web tal-Avviż Speċjali tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU-INTERPOL: <https://www.interpol.int/en/notice/search/un/5519275>

5. **Isem:** 1: AMID 2: HUSAIN 3: AL KUNI 4: mhux disponibbli

**Titlu:** Kurunell **Deżinjazzjoni:** Gvernatur ta' Għat (Nofsinhar tal-Libja) **Data tat-Twelid:** mhux disponibbli **Post tat-Twelid:** mhux disponibbli **Pseudonimu affidabbli:** mhux disponibbli **Pseudonimu inqas affidabbli:** mhux disponibbli **Ċittadinanza:** mhux disponibbli **Nru tal-Passaport:** mhux disponibbli **Nru tal-identifikazzjoni nazżjonali:** mhux disponibbli **Indirizz:** Libja (Status/post preżunt: Nofsinhar tal-Libja) **Elenkat fi:** 17 ta' Marzu 2011 (emendata fis-26 ta' Settembru 2014, 2 ta' April 2012) **Informazzjoni oħra:** Elenkat skont il-paragrafu 15 tar-riżoluzzjoni 1970 (Projbizzjoni fuq Vjaġġar).

▼ **M46**

6. **Isem:** 1: ABU 2: ZAYD 3: UMAR 4: DORDA

**Titlu:** mhux disponibbli **Deżinjazzjoni:** a) Direttur, Organizzazzjoni għas-Sigurtà Esterna. b) Kap tal-aġenzija tal-intelligence esterna. **Data tat-twelid:** 4 ta' April 1944 **Post tat-Twelid:** Alrhaybat **Pseudonimu affidabbli:** a) Dorda Abuzed OE b) Abu Zayd Umar Hmeid Dorda **Pseudonimu inqas affidabbli:** mhux disponibbli **Ċittadinanza:** mhux disponibbli **Nru tal-Passaport:** Nru tal-passaport tal-Libja FK117RK0, maħruġ fil-25 ta' Novembru 2018, maħruġ fi Tripli (Data ta' skadenza: 24 ta' Novembru 2026) **Nru tal-identifikazzjoni nazzjonali:** mhux disponibbli **Indirizz:** il-Libja (Status/post preżunt: mejjet) **Elenkat fi:** 26 ta' Frar 2011 (emendata fis-27 ta' Ġunju 2014, fl-1 ta' April 2016, fil-25 ta' Frar 2020, fit-18 ta' Lulju 2022) **Informazzjoni oħra:** Elenkat skont il-paragrafu 15 tar-riżoluzzjoni 1970 (Projbizzjoni fuq l-Ivvjaġġar). Elenkat fis-17 ta' Marzu 2011 skont il-paragrafu 17 tar-Riżoluzzjoni 1970 (Iffriżar tal-Assi).

▼ **M7**

7. **Isem:** 1: ABU 2: BAKR 3: YUNIS 4: JABIR

